

Brussell, 13 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14112/23

LIMITE

ASILE 102  
MIGR 332

## NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar l-emendar tal-arranġamenti bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u, rispettivament, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modalitajiet tal-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil

---

1. Fis-7 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 218(3) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ST 8717/23 *RESTREINT UE / EU RESTRICTED*). L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill huwa akkumpanjat minn Addendum li fih id-direttivi ta' negozjati (ST 8717/23 ADD 1 *RESTREINT UE/EU RESTRICTED*).
2. Il-Kunsillieri ĠAI (Ażil) eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Addendum tagħha fil-laqgħa tagħhom tat-22 ta' Ġunju 2023 (ST 8717/23 + ADD 1 *RESTREINT UE/EU RESTRICTED*). Wara l-konklużjoni tal-proċedura ta' inklużjoni fakultattiva tal-Irlanda fit-28 ta' Lulju 2023, il-Presidenza qasmet test rivedut mad-delegazzjonijiet fis-6 ta' Ottubru 2023 (ST 13789/23) li l-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għalih. Verżjoni kemxejn riveduta ġiet iċċirkolata fit-12 ta' Ottubru biex tiċċara aktar fil-premessi li d-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni, f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka (ST 13789/23 REV 1).

3. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill, id-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-PE.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif rivedut mill-ġuristi lingwisti, li jinsab fid-dokumenti 14116/23 u 14116/23 ADD 1 *RESTREINT UE/EU RESTRICTED*, u
  - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar l-emendar tal-arranġamenti bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u, rispettivament, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modalitajiet tal-parteciċipazzjoni minn dawk l-Istati fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, kif jinsab fid-dokument 14116/23 rivedut mill-ġuristi lingwisti u fid-dokument 14116/23 ADD 1 *RESTREINT UE/EU RESTRICTED*.
-